**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tat-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 127/2020 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**JS u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2020, l-isem J ghandu jinqara J**

**Vs**

**RS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JS datat 14 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq. tal-proċess, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwġu fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) liema żwieġ ġie reġistrat fir-reġistru pubbliku ta' Malta skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv illi qed jiġi anness, esebit u mmarkat bħala Dok A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tifel, senjatament, CS li twieled f'X u li għaldaqstant għadu minorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa' mill-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u dan skond ma jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi, illi kopja legali tiegħu qed tiġi annessa, esebita u*

*mmarkata bħala dok B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar erba' (4) snin, senjatament sa mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) u jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u dan skond ma jirriżulta mill-klawsola numru (iii) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.*

*Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward ħlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola ħamsa (5) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin.*

*Illi għal dak illi jirrigwarda l-manteniment dovut għall-minuri, ir-rikorrenti tirrileva umilment illi għalkemm tali manteniment dovut ai termini tal-klawsola sebgħa tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni ma tħallasx mill-intimat għal dawn l-aħħar tmien xhur ċirca, dan sar bl-aċċettazzjoni tar-rikorrenti in vista ta' diffikultajiet finanzjarji li jinsab fihom l-intimat, b'dan illi madankollu r-rikorrenti għamlet tajjeb għall-bżonnijiet kollha tal-minuri.*

*Illi f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tirrileva ulterjorment illi tali aċċettazzjoni da parti tagħha li ma tirċevix l-arretrati ta' manteniment ma għandhiex tiġi interpretata bħala rinunzja da parti tal-istess rikorrenti għall-ħlasijiet futuri ta' manteniment u spejjeż għall-minuri, li talvolta ser ikunu dovuti mill-intimat ai termini tal-klawsola sebgħa (7) tal-istess kuntratt.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti qiegħda tannetti l-affidavit tagħha li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok C.*

*Illi l-esponenti tirrileva umilment illi hija tixtieq tirreverti għal kunjom xbubitha, senjatament F.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*Tippronunja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

*Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti għal kunjom xbubitha, senjatament Fauzza;*

*Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fil-verbal datat 15 ta' Lulju 2020 (fol 19) li fih l-attriċi iddikjarat li hija lesta tħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

Rat id-digriet taghha datat 24 ta' Settembru 2020, li permezz tieghu l-isem J ghandu jinqara J;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JS** xehdet bil-proċedura tal-affidavit (dok C, fol 14) illi hija iżżewwġet lil **RS** fit-28 ta' Ġunju 2004 u li minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed, li għadu minorenni. Illi huma isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat l-10 ta' Novembru 2016, pero ilhom separati *de facto* mill-1 ta' Mejju 2016. Illi l-partijiet irrinunzjaw għall-manteniment mingħand xulxin.

Illi rigward il-manteniment dovut għat-tifel, xehdet illi dan ilu ma jitħallas mill-missier għal ċirca tmien xhur, pero dan sar bl-aċċettazzjoni tal-omm u dan peress li żewġha kien jinsab f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli. Hija mhux tinsisti għall-ħlas tal-arretrati ta' manteniment dovut lilha għat-tifel minuri, pero tikkjarifika illi hija mhux qiegħda tirrinunzja għall-ħlas futur ta' manteniment. Xehdet ukoll illi ma hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom.

**RS** xehed bil-ġurament u ikkonferma dak li xehdet **JS** bil-proċedura tal-affidavit (vide fol 21).

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Ġunju 2004 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieled tifel wieħed, li għadu minuri;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, datat 10 ta' Novembru 2016 (vide Dok. B fol 4 et seqq.), pero il-partijiet ilhom separati *de facto* għal dawn l-aħħar erba' snin, senjatament sa mill-1 ta' Mejju tas-sena 2016 u dan skond ma jirriżulta mill-klawsola numru (iii) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk jirrizulta illi ilhom *de facto* separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward ħlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola ħamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tagħhom ( Dok B, fol 4) il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin. Illi in oltre, għal dak illi jirrigwarda l-manteniment dovut għall-minuri iben il-partijiet, ir-rikorrenti ippremettiet fir-rikors promotur u xehdet bl-affidavit ( Dok C, fol 14) illi għalkemm tali manteniment dovut ai termini tal-klawsola sebgħa tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni ma tħallasx mill-intimat għal dawn l-aħħar tmien xhur ċirca, dan sar bl-aċċettazzjoni tar-rikorrenti in vista ta' diffikultajiet finanzjarji li jinsab fihom l-intimat. Madankollu r-rikorrenti għamlet tajjeb għall-bżonnijiet kollha tal-minuri. Ghalhekk it-tifel minuri xorta rceva l-manteniment adegwat.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-**

**Registru Pubbliku u tawtorizza lill-attriċi JS sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe F u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tal-attriċi.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**